# Minn Skola għal oħra

***Kitba tal-Perit Ruben Abela***



*Din is-sena fiż-Żejtun qed niċċelebraw żewġ ċentinarji li huma marbutin ma' xulxin. Waħda minn dawn l-okkażjonijiet hija l-miġja fostna u l-bidu ta' ħidma fil-parroċċa tas-sorijiet Ulied il-Qalb ta' Ġesu'. L-okkażjoni l-oħra hija l-bini u l-ftuħ ta' skola primarja ġdida. Wisq probabbli li kieku ma seħħitx it-tieni okkażjoni ma' kienetx isseħħ l-ewwel waħda. Nisthajjilkom tistaqsu 'l għaliex! M'inhix ser nikteb dwar l-miġja tas-sorijiet, għaliex naħseb li dwar dan ser taqraw bnadi oħra, iżda l-kitba tiegħi barra li twieġeb il-mistoqsija tagħkom se tkun mezz ta' tagħrif dwar żewġ binjiet li kważi qegħdin faċċata ta' xulxin - Dar San Ġużepp u l-Iskola Primarja tal-Gvern li jinsabu fi Triq San Luċjan.*

## *Il-bini ta' l-ewwel skola fiż-Żejtun*

*Dwar il-bidu ta' l-edukazzjoni fiż-Żejtun, matul is-snin li għaddew diġa qrajna kitba rriċerkata mill-Kan. Dun Joe Abela u għalhekk mhux il-ħsieb tiegħi li noqgħod nirrepeti dak li diġa ntqal. Nirreferi biss għall-fatt, li, t-tagħlim tat-tfal fiż-Żejtun ra l-bidu tiegħu fl-ewwel nofs tas-seklu dsatax bil-ħidma ħabrieka tal-kjeriku Dun Alwiġ Camilleri (1774 - 1849). Dun Alwiġ sab l-għajnuna ta' l-Isqof Ferdinando Mattei, li kellu wkoll residenza fiż-Żejtun fejn illum hemm id-Domus, tal-kappillan Dun Bert Sant u l-Konslu Spanjol Alberto de Megino[1] . B'hekk l-ewwel skola li kien hawn kienet titmexxa mill-knisja. Iżda din fejn kienet?*

*Jidher li fl-1819 dan it-tagħlim beda jsir fil-mezzanin li kien hemm wara l-Knisja ta' l-Ispirtu s-Santu li wara xi żmien kellhom bżonn ta' aktar wisa' minħabba l-ammont ta' tfal dejjem jiżdied[2] . Kien għalhekk li fuq l-istess lok inbniet dar li għadha hemm sa llum biex isservi bħala skola. Sabiex inbniet din id-dar kien hemm l-għajnuna finanzjarja mhux biss ta' l-Isqof Mattei u l-Kavallier Megino, iżda wkoll tal-poplu Żejtuni u kif ser naraw aktar il-quddiem dan huwa dokumentat fil-bini stess. Xi snin wara, fl-1838, din l-istess dar għaddiet għand il-gvern li ried jieħu t-tagħlim taħt idejh[3] , u baqgħet tintuża għall-istess għan sakemm infetħet l-iskola tal-gvern li nafu llum.*

*Dan il-bini llum huwa magħruf bħala Dar San Ġużepp u li fih hemm il-kommunita' tas-Sorijiet Ulied il-Qalb ta' Gesu' (Ritratt 1). Il-bini huwa mibni fuq stil Neo-Klassiku u għandu żewġ faċċati, dik prinċipali fuq Triq San Luċjan u faċċata tal-ġenb fuq Triq l-Ispirtu s-Santu. Huwa mibni fuq żewġ sulari għoljin, u minn naħa ta' Triq San Luċjan huwa xxuxxat ftit 'l fuq peress li hemm kantina taħt din il-faċċata. Il-faċċata prinċipali hija kważi simmetrika, b'bieb ċentrali u gallerija miftuħa fuqu sserraħ fuq saljatura sħiħa li titla' minn fuq l-istess bieb (Ritratt 2). Minquxa bħala basso riliev f'din is-saljatura naraw xena nteressanti ta' Lvant ta' Malta - mill-Port il-Kbir sal Port ta' Marsaxlokk (Ritratt 3) - ħasra li l-kundizzjoni tagħha sejra mill-ħażin għall-agħar.*

*1. Kan. Dun Joe Abela. Il-Parroċċa taż-Żejtun tul iż-żminijiet. Klabb kotba Maltin. 2006. pp 225 - 226*
*2.E.B.Vella. L-Istorja taż-Żejtun u M'Xlokk. 1927. p. 138.*
*3. ibid*

*Fit-tieni sular barra l-gallerija ċentrali hemm żewġ galleriji oħra, waħda fuq kull naħa, u t-tlieta li huma għandhom ilqugħ tal-ħadid. Fiċ-ċentru ta' kull wieħed minn dawn l-ilqugħ hemm maħduma ittra, f'ta' l-ewwel l-ittra "P", tan-nofs l-ittra "Z" u l-oħra l-ittra*

*"F". Dawn it-tlett ittri li flimkien jigu P. Z. F. huma l-inizjali ta' Populus Zeitunensis Fecit, jiġifieri "In-nies taż-Żejtun għamlu. Din hija xhieda ta' l-għajnuna li taw in-nies taż-Żejtun biex inbniet din id-dar.*

*Jekk niġu għall-kumplament tad-dekorazzjoni arkitettonika li hemm fil-faċċata, wieħ ed ma jistax ma josservax it-twieqi u l-bibien kemm tas-sular t'isfel kif ukoll dawk ta' fuq fejn għandhom dekorazzjoni Neo-Klassika li tikkonsisti f'girlandi u drapp minqux b'artistrija kbira fil-ġebla. Fuq il-blata tal-bieb tal-gallerija centrali, taħt il-frontun, naraw wiċċ t'anġlu mbuzzat 'l barra. Pero' l-isbaħ biċċa xogħol narawha fuq il-bieb li hemm fil-faċċata tal-ġenb. Biċċa skultura artistika li turi bust ta' tfajla ġo niċċa f'għamla t'arzella tixref idejha l-barra minn fuq purtiera (Ritratt 4).*

*Tifkira oħra tal-benefatturi ta' din id-dar insibuha f'sala li hemm hekk kif tidħol f'din id-dar. Basso reliev ieħor minqux fil-ġebla li fih juri l-bust ta' żewġ personaġġi bl-arma tal-familja taħthom. Dawn m'huma ħadd ħlief l-Isqof Mattei u l-Kavallier Megino (Ritratt 5).*

***L-iskola l-ġdida***

*Kien fil-bidu tas-seklu għoxrin li nħass il-bżonn ta' skola tal-gvern akbar, dan minħ abba li l-popolazzjoni taż-Żejtun kienet kibret mhux ħażin u l-ammont ta' tfal ta' l-iskola kompla jikber.*

*Il-Gvern qabbad lill-Perit Ġuże' Pace (Ritratt 6) minn Ħaż-Żabbar, biex jagħmel disinn ta' din l-iskola. Is-sit magħżul biex fuqu tinbena l-iskola l-ġdida kien ftit metri 'l bogħ od mill-iskola li semmejna aktar qabel u ftit għexieren ta' metri 'l bogħod mill-knisja parrokkjali.*

*Il-post kien arjuż, bil-kampanja madwaru (Ritratt 7) għaliex il-bini fil-madwar li hemm illum kien għadu ma nbeniex ħlief għal xi djar fi Triq Antonio Sciortino u dak matul Triq San Luċjan. Huwa proprju għalhekk u minħabba l-orjentazzjoni tal-bini ta' l-iskola li il-klassijiet saru kważi kollha jħarsu fuq in-naħa tal-punent. B'hekk il-klassijiet seta' jkollhom it-twieqi iħarsu għal fuq ir-raba' u mhux fgati bil-bini - sfortunatament illum din il-veduta ġiet misruqa minn ħalq it-tfal bil-bini massiv u għoli li tela' ftit metri il-bogħod. Imn'Alla fuq din in-naħa l-iskola għandha il-ġnien u fuq in-naħa l-oħra tat-triq hemm dik l-għalqa sabiħa mimlija siġar taż-żebbug - bħal li kieku biex tfakkar lit-tfal, li raħal twelidhom miż-żejt ħa ismu!*

*Sabiex it-twieqi tal-klassijiet ma tolqothomx ix-xemx, il-perit għażel li jibni veranda f'forma ta' kolonnat matul it-tul kollu tal-faċċata li tħares lejn il-punent u b'hekk ħoloq waħda mill-isbaħ u l-akbar faċċati bi stil Neo-Klassiku li għandna f'pajjizna (Ritratt 8). Il-faċċata ta' madwar 115 il-metru, jew 380 pied, b'aktar minn 50 kolonna dorika fuq kull sular, u żewġ portiċi doriċi hija l-itwal kolonnat ta' dan it-tip li hawn f'Malta. Il-kollonni ġganteski huma kważi kollha maħdumin mill-ġebla, ħlief għal numru żgħir minnhom li saru fil-konkrit.*

*Fil-passat mhux wisq imbiegħed, l-iskola kienet maqsuma fi tnejn, parti għas-subien fin-naħa tat-tramuntana u parti għall-bniet fin-naħa tan-nofs in-nhar. Fil-fatt wieħed għ adu jista' jaqra il-kliem "Boys' School" u "Girls' School" minqux fil-ġebla fuq kull portiku li jimmarka id-dħul ta' kull skola (Ritratt 9). Hawnhekk wieħed tajjeb li jsemmi li l-bini li naraw illum ma sarx kollu f'daqqa. Xhieda ta' dan huma il-kolonni tal-konkrit li semmejna aktar il-fuq u li wieħed jista' jarhom fis-sular ta' fuq ta' l-iskola tas-subien.*

*Fuq ġewwa l-iskola għandha tlett ibtieħi li wkoll huma mdawwrin b'loġoġ ma' tlett iġnub tagħhom li jsaqqfu il-kuluturi tal-klassijiet. B'hekk il-klassijiet jieħdu l-arja minn fuq ż ewġ naħat - aspett importanti ħafna fl-ippjanar ta' l-iskejjel. Għal grazzja t'Alla s'issa ħadd għadu ma' ħolom li jagħlaq dawn il-loġoġ bil-ħġieġ u l-aluminju! Jekk jiġri hekk*


1


ST JOSEPH HOME
2


3


5


4


7


6


8



9

*dan ikun l-akbar żball li jista' jsir. Sfortunatament mhux l-istess jista' jingħad għall-balavostri li kien hemm mat-tul tal-faċċata fuq il-bejt. Dawn kienu tneħħew fil-bidu tas-snin tmenin minħabba li kienu fi stat perikoluż u ma reġgħux saru. Hija ħasra għ aliex dawn kienu jinkurunaw il-faċċata.*

*Fil-11 ta' Ġunju, preċiżament matul il-ġimgħa tal-festa, l-iskola primarja, li minn jaf kemm rat Żwieten jitħarrġu u jitgħallmu ġo fiha, ser tagħlaq mitt sena minn meta ġiet imbierka u miftuħa mill-Isqof Pietru Pace.*

*Li kieku ma nbnietx din l-iskola, kieku mitt sena ilu is-Sorijiet Ulied il-Qalb ta' Gesu' ma kienux isibu bini vojt lest għalihom. Naħseb li kien xieraq li nsellmu lil dawn iż-żewġ binjiet storiċi permezz ta' din il-kitba.*


# Schembri Marbles

**Granite, Marble & Resin Works**

*Dawret Ħal Għaxaq - Għaxaq*
*Tel. Workshop 2167 8608 • Showroom - 2167 2210*
*Mobile: 99499692 • 99428581*
*Showroom Hours: Summer 6.00pm - 8.00pm • Winter 5.30pm - 7.30pm*

